# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 703/97

Paul Zarb

vs

Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 22 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1979 bhala Labourer.

Fl-1988 meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Works Technical Officer kienu hargu sejhiet ghall-promozzjoni ghall-TT1 u TT2.

Huwa kien applika u ghamel l-interview. Billi hass li kien mar tajjeb hafna, u billi hadd hliefu ma kien hemm fuq ix-xoghol tal-madum, kien perswaz li kien ghadda u li ser jinghata din il-promozzjoni.

Meta hargu r-rizultati, sab li kienu tefugh lura hafna u ghaldaqshekk, qatt ma seta' jigi promoss.

Ta' min isemmi li dak iz-zmien huwa kien inkarigat minn 68 persuna li kienu mqassmin fuq diversi xogholijiet ma Malta kollha fuq xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-bini tal-Gvern kif ukoll fil-Kalkara tal-gir.

Barra minn dan huwa kien ukoll jezamina haddiema qabel isiru bajjada, kif ukoll jiccertifika l-kwalita' tal-madum.

Ghaldaqstant hass li huwa gie diskriminat ghaliex minkejja li kien jaf li huwa kien ghadda minn dan l-ezami, ma nghatax din il-promozzjoni u dan minhabba t-twemmin politiku tieghu. B'hekk huwa gie imtellef l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu, b'rizultat li gie effettwat fis-seniority kif ukoll sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li gie imtellef ingustament b'lura mid-data li kienet harget, issirlu aggustament fis-seniority tieghu kif ukoll jigi kkumpensat ghall dak kollu li huwa tilef, skond kif jiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew dak li jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Labourer mad-dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Supervisor fid-9 ta' Jannar 1981. Fl-1 ta' Dicembru 1981 hu lahaq il-grad ta' Chargehand u fil-15 ta' April 1987 lahaq bhala Works Technical Officer. Permess tar-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Technical Officer fi Skala 12.

Fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Technical Officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Works Technical Officer u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu nghata n-numru 20 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement, gab 55 marka fil-kategorija ta' TO 1.

Illi fl-ordni tal-mertu klassifika ruhu fil-56 post, izda minhabba l-vakanzi proposti gew mahtura l-ewwel tletin.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-ezattezza ta` dak kollu li hemm fir-rikors. Semma li hu kien applika biss ghall-grad ta' TO1. Din il-vakanza fil-grad ta' TO1 kienet biss ghax-xoghol ta' tqeghid ta' madum. Qal li sa fejn jaf, hu biss kien fuq il-linja tat-tqeghid tal-madum. Hu ippretenda li jigi l-ewwel u dan minhabba li fil-Bord kien hemm Spiteri Bailey u Vince Magri li kienu jafu kemm kien jithabat bix-xoghol. Sostna li kien hemm hafna minn dawk li

qabzuh li ma kinux jimmeritaw li jiehdu l-promozzjoni peress fix-xoghol ta' kuljum kienu jhallu hafna f'idejh. Sostna li ma hax il-promozzjoni minhabba l-fehma politika tieghu.

Joseph Fiott Works Manager xehed li jaf lir-rikorrent ghal zmien twil. Semma li r-rikorrent kien jifforma parti minn Group ta' Plasterers. Xogholu kien li jiehu hsieb dan il-group ta' Plasterers, u il-group ta' tilers, jigifieri li kienu jqeghdu l-madum. Qal li Paul Zarb kien jiehu hsieb li jkollu materjal kollu necessarju, illi jiehu l-materjal biex jigi ttestjat fil-laboratorju, xoghol ukoll fil-Kalkara tal-Gir li dak iz-zmien kienet ghadha tahdem biex tipproduci l-gir ghall-Gvern, u biex jara li l-madum qieghed jitqieghed tajjeb. Dan kien ikun il-bniedem responsabbli direttament ghalfejn ikun qed jitqieghed il-madum. Sejha ghall-applikazzjoni ghall-TOI ma tispecifikax il-bniedem li jrid jilhaq fil-grad xi grad irid ikollu. Huwa d-dover tal-bord li janalizza is-sengha li jkollhom il-kandidati. Dwar il-licenzja ta' mason li ghandu Paul Zarb din ma jkollux kulhadd li biex tottjeniha irid ikollok taghmel test orali u siegha test li jinvolvi prattika u ovvjament min ikollu din il-licenzja dan imbaghad jaghmel xoghol ta' masonry.

Ir-rikorrent kien bniedem responsabbli u kapaci fuq xogholu u dan jintwera' miz-zmien li ghamel fid-dipartiment. Zied li r-rikorrent mhux il-hin kollu kien ikun jahdem taht id-direzzjoni tieghu, kien ikun jahdem f'distretti ohra ta' B'Kara u distretti ohra u hemmhekk kien iwettaq xogholu tajjeb ukoll.

L-Inginier Joseph Briffa xehed li jaf lir-rikorrent Paul Zarb fuq ix-xoghol u dan ghal dawn l-ahhar hmistax jew ghoxrin sena. Jiftakru bhala manager li jmexxi group ta' nies ta' haddiema u jafu li dejjem wettaq xogholu sew. Xehed: "Nghid li niftakru ftit qabel ma rtirajt jiena kien jahdem direttament mieghi u ir-rikorrent kien jitqabbad jaghmel diversi xogholijiet bhal plastering, tikhil, etc. U Paul Zarb kien jahdem direttament taht is-Sur Fiott bhala Works Manager peress li jiena kont direttur…Mistoqsi milli naf jiena kif niftakru fuq ix-xoghol lil Paul Zarb nghid li huwa kien kompetenti bizzejjed, kif ukoll affiddabbli."

Paul Scicluna bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici xehed li jaf lir-rikorrent fuq il-lantijiet tax-xoghol, f'Belt is-Sebh inkarigat mis-section tal-madum minn 1987 'l hawn. Semma li r-rikorrent kien applika ghall-grad ta' Technical Officer I, u s-sejha ghall-applikazzjoni kienet iggib in-numru 27/88. Ir-rikorrent dak iz-zmien kien fil-grad ta' WTO. Din is-sejha ghall-applikazzjoni kienet miftuha ghall-tliet kategoriji, civil, mechanical u electrical, u fil-fatt ir-rikorrent kien ikklasifika ruhu meta applika fil-kategorija ta' civil. Din is-sejha kienet tirrikjedi li l-applikanti ikollhom knowledge of work, planning u programming. Is-sejha kienet tghid li "particularly he would be required to be well versed in the analysis and assessements of projects, drawing up of works progress reports, with a view determining cost effectivness projects and in submission of requisite information, for managerial efficiency and effective direction. And control at effecting successful realisation of projects works including bar charts etc." U dan ifisser li min

applika fil-kategorija tas-civil kellu jkollu dawn ir-rekwiziti li semmejt. Qal li ma jistax jghid jekk ir-rikorrent Paul Zarb kienx jissodisfa dawn il-kriterji kollha tas-sejha ghall-applikazzjoni. Setgha japplika ghall-din is-sejha ghall-applikazzjoni kull min kien WTO izda mbaghad is-sejha kienet tirrikjedi anke dawn ir-rekwiziti. Dawn ir-rekwiziti kienu l-bazi li jaghmlu l-applikanti eligibbli u l-bord issottometta l-puntegg tieghu skond dawn ir-rekwiziti.

Ir-rikorrent kien ghadda u ghalhekk ifisser li kien misjub kompetenti skond dawn ir-rekwiziti li kien hemm fis-sejha ghall-applikazzjoni. Izda gie fis-sitta u hamsin post, u gew mahtura tletin. Li kieku r-rikorrent gie promoss seta jigi utilizzat f'diversi dipartimenti mhux bilfors fil-madum.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Technical Officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Works Technical Officer u kien eligibbli u applika. Gab 55 marka fil-kategorija ta' TO I, u fl-ordni tal-mertu klassifika ruhu fil-56 post, izda minhabba l-vakanzi proposti gew mahtura l-ewwel tletin.

Irrizulta li r-rikorrent kien bniedem kapaci u ta' esperjenza. Joseph Fiott Works Manager xehed li r-rikorrent kien bniedem responsabbli

u kapaci fuq xogholu. L-Inginier Joseph Briffa xehed li r-rikorrent dejjem wettaq xogholu sew. Paul Scicluna bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici xehed li jaf lir-rikorrent fuq il-lantijiet tax-xoghol.

Jirrizulta li s-sejha kienet tghid li "particularly he would be required to be well versed in the analysis and assessements of projects, drawing up of works progress reports, with a view determining cost effectivness projects and in submission of requisite information, for managerial efficiency and effective direction. And control at effecting successful realisation of projects works including bar charts etc."

Illi ghalhekk hu car li r-rikorrent kien haddiem kapaci. Izda dan gie konfermat mill-istess Bord tal-ghazla li ghaddieh lir-rikorrent. Il-kwistjoni kollha hi jekk ir-rikorrent kienx haqqu jasal ma' l-ewwel tletin klassifikat. Min imkien ma jirrizultaw dawn il-provi hlief ghar-rikorrent li ppretenda li jigi l-ewwel. La ingieb xi xhud li qal dan, la ingabet prova ta' seniority, la ingabet xi prova ta' kwalifiki. Minn dak li ghandu quddiemu t-Triubunal ma hux biz-zejjed biex it-Tribunal jpoggih ma' l-ewwel tletin. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.